V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10326 — Allianz Holding/Santander/Aviva Companies/Santander Aviva Companies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 291/05)

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz Holding eins GmbH ("Allianz", l-Awstrija), proprjetà ta' Allianz Group ikkontrollata minn Allianz SE (il-Ġermanja),

— Santander Bank Polska S.A. ("Santander", il-Polonja), proprjetà ta' Santander Group ikkontrollat minn Banco Santander, S.A (Spanja),

— Aviva Towarzystwo Ubezpieczeń Na Życie S.A. ("Aviva Life", il-Polonja), Aviva Towarzystwo Ubezpieczeń Ogólnych S. A. ("Aviva GI", il-Polonja), u Aviva InvestorsPoland Towarzystwo Funduszy Inwestycyjnych S.A. ("Aviva Investors", il-Polonja) (flimkien "il-Kumpaniji Aviva"), bħalissa kkontrollati għal kollox minn Aviva International Holdings Ltd ("Aviva", ir-Renju Unit),

— Santander Aviva Towarzystwo Ubezpieczeń Na Życie S.A. ("Santander Aviva Life", il-Polonja) u Santander Aviva Towarzystwo Ubezpieczeń S.A. ("Santander Aviva GI", il-Polonja) (flimkien "il-Kumpaniji Santander Aviva"), li bħalissa huma kkontrollati b'mod konġunt minn Aviva u Santander.

Allianz takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-Kumpaniji Aviva, u Allianz u Santader jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Kumpaniji Santander Aviva. Iż-żewġ tranżazzjonijiet huma interdipendenti u jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda li tikkostitwixxi l-akkwist tal-kontroll skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Allianz hija kumpannija holding inkorporata skont il-liġijiet tal-Awstrija. Allianz hija parti mill-Grupp Allianz, li jipprovdi servizzi finanzjarji prinċipalment fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja u servizzi ta' ġestjoni tal-assi f'aktar minn 70 pajjiż, b'mod partikolari fl-Ewropa.

— Santander tipprovdi l-firxa sħiħa tas-servizzi bankarji fil-Polonja lil klijenti personali, kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u korporazzjonijiet kbar. Santander hija parti minn Santander Group, li huwa grupp internazzjonali ta' kumpaniji bankarji u finanzjarji.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

— Il-Kumpaniji Aviva joffru assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, ġestjoni tal-assi u pensjonijiet fil-Polonja kif ukoll assigurazzjoni tal-ħajja u pensjonijiet fil-Litwanja.

— Il-Kumpaniji Santander Aviva joffru assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10326 — Allianz Holding/Santander/Aviva Companies/Santander Aviva Companies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË